MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2019

Rikors Maħluf Numru 194/2018 LM

**Ritienne Apap (ID 125481M) u Silvio Apap (ID 468976M)**

***vs.***

**Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fit-28 ta' Frar, 2018 mir-rikorrenti **Ritienne Apap** (K.I. Numru 125481M) u **Silvio Apap** (K.I. Numru 468976M) (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrenti") *ai termini* tal-artikolu 22C tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid kif ġej:

1. *Illi permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta vs Silvio Apap**' deċiża fit-30 ta' Novembru 2017 (dokument ASD1) l-imsemmija Onorabbli Qorti kkonfermat is-sentenza mogħtija mill-Qorti*

*Kriminali fit-18 ta' Marzu 2015 (dokument ASD2) fejn sabitu ħati skont l-att tal-akkuża u ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-esponenti dikjarat ħati;*

2. *Illi għalhekk u konsegwentement il-beni mobbli u immobbli kollha tal-imsemmi jinsabu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta, in vista tal-preżunzjoni juris tantum naxxenti mill-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta li dawn il-beni huma profitti jew dħul mill-għemil ta' xi reat taħt il-Kapitolu msemmi u/jew minn proprjetà akkwistata jew miksuba direttament jew indirettament minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk;*

3. *Illi fost l-imsemmija proprjetà hemm ukoll id-dar matrimonjali erbgħa u għoxrin (24) Triq il-Knisja, Xgħajra, li kienet inxtrat permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Charles Vella Zarb tat-12 ta' Ottubru 1999 (dokument ASD3) miż-żewġ rikorrenti qabel iżżewġu;*

4. *Illi l-partijiet bdew u baqgħu għaddejjin iħallsu l-imsemmi post permezz ta' pagamenti ratejali u mensili oriġinarjament lil dak iż-żmien Lohombus Corporation Limited u llum HSBC Bank plc;*

5. *Illi l-imsemmija pagamenti saru kollha frott tal-ħidma tal-partijiet u ma għandhom x'jaqsmu xejn ma' xi rikavat minn xi atti kriminali u dan stante kif ser jiġi ppruvat li dan kien l-uniku reat li huwa kkommetta u ma daħħal xejn minnu;*

6. *Illi għalhekk l-ordni ta' din il-Qorti hija ta' preġudizzju għar-rikorrenti u ma tindikax li l-effetti tagħha huwa kjarament fuq nofs il-komunjoni tal-akkwisti;*

7. *Illi l-esponenti għalhekk jixtiequ jipprevalixxu ruħhom minn dak li jinsab dispost fl-Artikolu 22C tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u dana stante li kif qiegħed jiġi dikjarat li l-proprjetà mobbli u immobbli milquta bl-ordni ta' konfiska la huma profitti jew dħul mill-għemil ta' reat taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u lanqas huma proprjetà akkwistata jew miksuba, direttament minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk;*

***Raġuni għar-Rikors:***

*Għalhekk qed jiġi ppreżentat dan ir-rikors ġuramentat biex din il-Qorti tiddikjara li l-proprjetà mobbli u immobbli kkonfiskati mill-Gvern ta' Malta ma humiex provenjenti minn ebda dħul, profitt jew konnessjoni ma' xi attività kriminali senjatament id-dar imsemmija li l-partijiet għandhom nofs indiviż kull wieħed fiha u li l-imsemmija dar inxtrat u tħallset minn fondi li ma humiex konnessi mal-ebda reat kriminali;*

***Talbiet:***

*Jgħidu l-konvenuti għaliex din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex prevja kull provvediment li tħoss opportuni senjatament dak provdut fis-sub-artikolu erbgħa (4) tal-artikolu 22C tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta ma għandhiex:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi li kull proprjetà mobbli jew immobbli kkonfiskati lill-esponenti permezz tas-sentenza li għaddiet in ġudikat mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta vs Silvio Apap'** deċiża fit-30 ta' Novembru 2017 ma humiex profitti jew qligħ mill-għemil ta' xi reat u lanqas proprjetà akkwistat jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk u dan ai termini tal-Artikolu 22C (1) et sequitur tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara u tiddeċiedi f'kull każ li d-dar erbgħa u għoxrin (24) Triq il-Knisja, Xgħajra, tappartjeni nofs indiviż lil kull parti rikorrenti;*

3. *Tiddikjara u tiddeċiedi li l-imsemmija proprjetà tħallset u għadha qiegħda titħallas minn fondi li ma għandhom x'jaqsmu xejn ma' introjtu jew rikavat li ġej minn reati kriminali**;***

4. *Tordna u tirrevoka konsegwentement l-ordni ta' konfiska kif kontenuta mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta vs Silvio Apap'** deċiża fit-30 ta' Novembru 2017 fir-rigward tal-istess proprjetà mobbli u immobbli kollha hekk sekwestrata.*

   *Bl-ispejjeż.*

Rat ir-Risposta tal-**Avukat Ġenerali** u tal-**Kummissarju tal-Pulizija** (minn issa 'l quddiem "l-intimati"), li ġiet ippreżentata fis-26 ta' Marzu, 2018, li biha eċċepew:

1. *Illi fil-mertu t-talbiet kif dedotti fir-Rikors Promutur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement l-esponent qed jopponi għall-istess talbiet, diment li r-rikorrent ma jġibx prova konkreta u sodisfaċenti li l-provenjenza tal-proprjetà li tagħha qed jitlob ir-rilaxx, mhux riżultat ta' xi profitt jew dħul mill-għemil tar-reat li tiegħu r-rikorrent instab ħati, jew, li tali proprjetà ma ġietx akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitt jew dħul bħal dak;*

2. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi rilevat li l-prova tal-provenjenza leċita tal-proprjetà indikata fir-Rikors Promutur u l-akkwist leċitu tagħha tispetta lir-rikorrenti;*

3. *Illi in vista tas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti;*

4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-każ.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-1 ta' April, 2019, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza, wara li saret it-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Il-kawża odjerna hija azzjoni taħt l-artikolu 22Ċ tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, li ġiet istitwita mir-rikorrenti wara li r-rikorrent Silvio Apap kien instab ħati ta' reat mill-Qorti tal-Appell Kriminali, b'deċiżjoni mogħtija minnha fit-30 ta' Novembru, 2017 fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta *vs* Silvio Apap**', u bis-saħħa tagħha l-Qorti kkonfermat deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Kriminali tat-18 ta' Marzu, 2015, fejn apparti li r-rikorrent kien ġie misjub ħati, kienet ġiet ordnata ukoll il-konfiska tal-assi kollha tiegħu favur il-Gvern ta' Malta.

Ir-rikorrenti qegħdin jitolbu r-rilaxx tal-proprjetà milquta b'din l-ordni ta' konfiska favur il-Gvern ta' Malta, senjatament fir-rigward tal-fond bin-numru 24, Triq il-Knisja, Xgħajra, liema proprjetà hija d-dar matrimonjali tar-rikorrenti u tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejniethom. Ir-rikorrenti jgħidu li din id-dar ġiet akkwistata bis-saħħa tal-ħidma tagħhom, u li din dejjem tħallset u għadha titħallas minn fondi li m'għandhom x'jaqsmu xejn mar-reat kommess mir-rikorrent Silvio Apap. In vista ta' dan, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lill-Qorti tirrevoka l-ordni ta' konfiska favur il-Gvern ta' Malta.

## <u>Provi u riżultanzi</u>

Ir-rikorrenti ppreżentaw kopja tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Novembru, 2017 fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta *vs* Silvio Apap'**[1], liema sentenza kkonfermat id-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-18 ta' Marzu, 2015, li sabet lil Silvio Apap ħati talli f'Ġunju tal-2014, assoċja ruħu ma' persuna jew persuni oħra sabiex ibiegħ jew jittraffika raża tal-kannabis bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), li importa jew ġiegħel li tiġi impurtata jew li għamel xi ħaġa biex importa din il-mediċina perikoluża, u li kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta kannabis jew xi preparazzjonijieet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, u dan bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwenza ta' dan, ir-rikorrent f'din il-kawża ingħata piena ta' priġunerija effettiva għal perijodu ta' sittax-il sena flimkien ma' multa ta' erbgħin elf Euro (€40,000), li f'każ li ma titħallasx puntwalment tiġi konvertita f'terminu ta' tmintax-il xahar (18)

[1] *A fol*. 5 tal-proċess.

priġunerija. Il-Qorti ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tar-rikorrent.

Ir-rikorrenti fil-proċeduri odjerni ppreżentaw ukoll kopja ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Charles Vella Zarb tat-12 ta' Ottubru, 1999[2], li permezz tiegħu Silvio Apap u Ritienne Camilleri kienu akkwistaw mingħand id-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali l-fond konsistenti fid-dar numru 25 u 27, Triq il-Knisja, Xgħajra, limiti ta' Ħaż-Żabbar, bl-arja libera tagħha u bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħha. L-Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali Dr John Seychell Navarro, ippreżenta kopja ta' relazzjoni mħejjija minnu fir-rigward tal-assi tar-rikorrent[3], minn fejn jirriżulta li r-rikorrent kellu flus investiti f'żewġ kontijiet separati miżmuma fil-Bank of Valletta, u f'ħames kontijiet separati fl-HSBC, u li l-unika proprjetà immobbli appartenenti lilu hija proprju dik li kien akkwista flimkien mar-rikorrenti l-oħra qabel iż-żwieġ tagħhom. Ġew ippreżentati wkoll kopji tar-riċerki li saru f'isem ir-rikorrenti.[4]

Fl-udjenza tal-10 ta' Mejju 2018 xehdet **Allison Mifsud Brimmer**[5], in rappreżentanza tal-bank **HSBC Bank (Malta) plc**, li ntalbet tagħti d-dettalji tal-kontijiet bankarji rreġistrati f'isem ir-rikorrenti f'dawn il-proċeduri. Ix-xhud ippreżentat ukoll kopji tal-*istatements* bankarji rilevanti.[6] Fl-istess udjenza xehdet ukoll **Johanna Bartolo,** in rappreżentanza tas-soċjetà **Bank of Valletta plc**[7], li wkoll ippreżentat kopji tal-*istatements* bankarji tar-rikorrenti f'dan il-kawża.[8] Xehdet ukoll **Rebecca Micallef**, in rappreżentanza tas-soċjetà APS

[2] *A fol.* 21 tal-proċess.
[3] Kopja *a fol.* 56 tal-proċess.
[4] *A fol.* 107 tal-proċess.
[5] *A fol.* 121 tal-proċess.
[6] *A fol.* 125 *et seq.* tal-proċess.
[7] *A fol.* 298 tal-proċess.
[8] *A fol.* 301 *et seq.* tal-proċess.

Bank Limited, li wkoll ippreżentat kopji tal-*istatements* bankarji tar-rikorrenti minn ħames kontijiet differenti li dawn għandhom f'isimhom.[9]

Fl-udjenza tal-4 ta' Ġunju, 2018 xehed **Martin Vella**[10], in rappreżentanza ta' Pantalesco Group, li qal li minkejja li ilu jaħdem ma' din il-kumpannija għal aktar minn tletin sena, hu lir-rikorrent ma jafux, u talab li jingħata indikazzjoni aktar ċara u dettaljata dwar iż-żmien li fih ir-rikorrent kien jaħdem mal-imsemmija kumpannija.

Fl-istess udjenza xehed **Massimo Cappitta**, direttur ta' Mare Blu Tuna Farm Limited[11], li qal li r-rikorrent Silvio Apap kien jaħdem mal-imsemmija kumpannija għal perijodu ta' tliet snin, bejn l-2008 u l-2011.

Fl-udjenza tas-6 ta' Lulju, 2018 xehed **Joseph Saliba**, in rappreżentanza ta' JobsPlus[12], li ppreżenta kopja tal-*job history* tar-rikorrent, Silvio Apap[13], minn fejn jidher li għall-perijodu bejn l-1994 u l-2011 ir-rikorrent dejjem kellu impjieg. Fl-istess udjenza xehed ukoll **Joseph Debono**[14], in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi, li ntalab jippreżenta dokumenti dwar id-dħul u l-introjtu tar-rikorrenti għall-perijodu bejn l-2011 u l-2017.[15] Dan ix-xhud kompla jagħti d-depożizzjoni tiegħu fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru, 2018, li ppreżenta aktar dikjarazzjonijiet tat-taxxa fir-rigward tar-rikorrenti, din id-darba fil-forma ta' dikjarazzjonijiet li jirrisalu lura għall-1994.[16]

---

[9] *A fol.* 330 *et seq.* tal-proċess.
[10] *A fol.* 350 tal-proċess.
[11] *A fol.* 352 tal-proċess.
[12] *A fol.* 362 tal-proċess.
[13] *A fol.* 364 tal-proċess.
[14] *A fol.* 366 tal-proċess.
[15] Kopji *a fol.* 368 *et seq.* tal-proċess.
[16] *A fol.* 395 tal-proċess.

Fl-istess udjenza tat-12 ta' Ottubru, 2018 xehed **Stephen Cachia**, *Administrator* ma' Transport Malta[17], li qal li għamel tiftix dwar tliet vetturi rreġistrati f'isem ir-rikorrent, u ppreżenta d-dettalji rilevanti dwar dawn l-istess vetturi.

Fl-istess udjenza xehed **Dr Robert Vassallo**, minn Transport Malta ukoll [18], li ntalab jixhed dwar bastiment irreġistrat f'isem ir-rikorrent. Dan ix-xhud qal li l-bastiment inkwistjoni jikkonsisti fi frejgatina ta' 2.75 hp, u li din ġiet ittrasferita f'isem ir-rikorrent Silvio Apap fil-21 ta' Frar, 2006.

Fl-istess udjenza reġa' xehed **Martin Vella**, mis-soċjetà Pantalesco Group[19], li qal li r-rikorrent kien jaħdem mal-istess soċjetà għall-perijodu bejn it-30 ta' Jannar, 1998 u l-11 ta' Awwissu, 1998, u f'dan il-perijodu huwa kellu dħul gross ta' LM2,184.

Fl-udjenza tas-26 ta' Novembru, 2018 xehed **Giovanni Ellul**, in rappreżentanza tas-soċjetà MFF Limited[20], li qal li r-rikorrent għamel perijodu ta' żmien bejn is-27 ta' Settembru, 2010 u t-13 ta' Frar, 2011 jaħdem mal-istess kumpannija. Qal li f'dan il-perijodu ta' żmien ir-rikorrent qala' ftit aktar minn €2,000 mill-impjieg tiegħu ma' din il-kumpannija. Żied jispjega li f'dan iż-żmien r-rikorrent kien impjegat fuq bażi *part-time*.

Ir-rikorrenti **Ritianne Apap**, fl-*affidavit* tagħha[21] qalet li l-fond bin-numri 25 u 27, Triq il-Knisja, Xgħajra (illum numru 24), kien inxtara minnha u mir-raġel

[17] *A fol.* 442 tal-proċess.
[18] *A fol.* 454 tal-proċess.
[19] *A fol.* 463 tal-proċess.
[20] *A fol.* 472 tal-proċess.
[21] *A fol.* 488 tal-proċess.

tagħha Silvio fis-sena 1999 meta dak iż-żmien ir-rikorrenti kienu għadhom mhux miżżewġin. Qalet li sabiex ġie ffinanzjat l-akkwist ta' din id-dar kien ittieħed self bankarju u li huma bdew iħallsu perjodikament l-pagamenti dovuti lill-bank, dak iż-żmien Mid-Med Bank. Żiedet tgħid li r-rikorrenti żżewġu fil-15 ta' Awwissu, 2002 u minn dan iż-żwieġ għandhom żewġ ulied, minuri t-tnejn. Ir-rikorrenti qalet li f'dak iż-żmien hi kienet impjegata mal-kumpannija Quality Bathroom Centre Limited, fejn baqgħet taħdem sat-30 ta' Novembru 2002, u fl-14 ta' Awwissu, 2003 bdiet taħdem bħala *careworker* l-ewwel mal-Aġenzija Sedqa u wara mal-*Foundation for Social Welfare* fejn għadha taħdem sal-lum. Qalet li wara li r-raġel tagħha daħal fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, hi bdiet taħdem fuq bażi *self-employed* bħala *community worker,* u dan sabiex tkun tista' tlaħħaq mal-ħtiġijiet tal-familja tagħha. Żiedet tgħid li l-paga tagħha dejjem daħlet fil-kontijiet konġunti li hi u żewġha għandhom flimkien, u li minnhom jitħallsu l-kontijiet u d-djun tal-familja. Żiedet tgħid li żewġha huwa *electrician,* u għall-perijodu bejn it-28 ta' Marzu, 1994 u t-13 ta' Frar, 2011 huwa kellu diversi impjiegi. Qalet ukoll li huma dejjem għexu mid-dħul tas-salarji tagħhom, u din kienet l-ewwel darba li żewġha involva ruħu f'attività kriminali, li minnha ma kellu l-ebda introjtu.

Ir-rikorrent **Silvio Apap** fl-*affidavit* tiegħu[22] qal li l-fond li llum iġib in-numru 24, Triq il-Knisja, ix-Xgħajra kien inxtara minnu u minn martu wara li ottjenew self bankarju għal dan il-għan, u sussegwentement huma żżewġu u marru jgħixu f'din id-dar bħala r-residenza tagħhom. Qal li fiż-żmien li fih inxtrat id-dar hu kien jaħdem ma' Scicluna Installations Limited, fejn baqa' impjegat sat-3 ta' Marzu 2008, u wara beda jaħdem ma' Mare Blu Tuna Farm Limited u

[22] *A fol.* 490 tal-proċess.

wara ma' MFF Limited. Żied jgħid li l-introjtu mis-salarji tar-rikorrenti dejjem kien jidħol fil-kont bankarju miżmum b'mod konġunt bejn ir-rikorrenti, u dawn il-flejjes kienu jintużaw għall-ħlas tal-kontijiet u tad-djun tal-familja. Qal li martu wkoll kienet taħdem ma' ditta tal-kmamar tal-banju fiż-żmien li fih ir-rikorrenti żżewġu, u wara hija bdiet taħdem bħala *careworker.* Ir-rikorrent qal li din kienet l-unika darba tiegħu li involva ruħu f'attività kriminali, u minn din l-attività ma qala' l-ebda flus. Qal li hu għalhekk li ddeċieda li jipproċedi b'dan ir-rikors minħabba li d-dar matrimonjali tal-partijiet ma nxtratx minn flejjes provenjenti minn xi attività kriminali iżda mill-ħidma tal-partijiet.

L-ispettur li mexxa l-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent, **l-Ispettur Gabriel Micallef**, fl-*affidavit* tiegħu[23] qal li fis-7 ta' Ġunju tal-2014, il-Pulizija kienet irċeviet informazzjoni dwar ir-rikorrent Silvio Apap, li kien ħareġ ma' persuna oħra fuq lanċa bl-intiża li jimpurtaw kwantità ta' droga mad-dħul tagħhom f'Malta. Żied jgħid li l-Pulizija imxiet fuq dan ir-rapport billi għamlet għassa fl-inħawi ta' Marsaxlokk, fejn din il-lanċa ntlemħet dieħla lura għall-ħabta tas-sagħtejn u nofs ta' filgħodu tat-8 ta' Ġunju 2014. Ix-xhud żied jgħid li hekk kif il-lanċa daħlet max-xatt, ġiet interċettata mill-Pulizija li sabu sustanza suspettata li kienet droga kannabis f'*picnic cooler.* Żied jgħid li f'dak il-ħin ġie infurmat il-Maġistrat tal-għassa li ordna inkjesta dwar il-każ.

Fl-udjenza tal-4 ta' Marzu, 2019 sar il-kontroeżami tar-rikorrenti **Ritianne Apap**[24]*,* li qalet li fis-sena 2015 hi kienet impjegata mal-aġenzija 'Sapport'. Ir-rikorrenti ġiet mistoqsija dwar numru ta' depożiti ta' flus kontanti li jidher li saru fil-kont bankarju tagħha, u r-rikorrenti wieġbet li hi kienet tamministra l-

[23] *A fol.* 497 tal-proċess.
[24] *A fol.* 498 tal-proċess.

kontijiet bankarji tat-tfal tagħha u għalhekk ġieli għamlet trasferimenti ta' flus minn kont għal ieħor.

Fl-istess udjenza sar il-kontroeżami tar-rikorrent **Silvio Apap**[25], li kkonferma li r-reat kriminali li hu nstab ħati tiegħu kien twettaq f'Ġunju tal-2014. Ix-xhud qal ukoll li bejn Frar tal-2011 u l-2014 hu ma kienx impjegat. Hu ġie mistoqsi dwar depożiti ta' flus kontanti li jidher li saru fil-kont bankarju tiegħu, u x-xhud qal li ma jafx dawk il-flus minn fejn ġew. Lir-rikorrent sarlu riferiment għal depożitu li sar fil-kont tiegħu fis-17 ta' Ġunju, 2016 meta hu kien diġà qiegħed jiskonta l-piena fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, u dan reġa' wieġeb li ma jafx dawk il-flus mnejn ġew.

<u>**Konsiderazzjonijiet Legali**</u>

Permezz tal-kawża odjerna, ir-rikorrenti għamel talba speċifika taħt id-dispost tal-artikolu 22Ċ tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan wara li l-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali li ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli jew immobbli tar-rikorrent Silvio Apap *ai termini* tal-paragrafu 3A tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 101. Kif stabbilit diversi drabi f'diversi sentenzi mogħtija minn dawn il-Qrati fi kwistjonijiet simili għal dik odjerna, bħal fil-kawża **Francis Muscat *vs.* Kummissarju tal-Pulizija**[26]:

> "F'dik il-proċedura, jispetta lir-rikorrent li qed jitlob ir-revoka tal-ordni tal-konfiska li jressaq il-provi tiegħu fi grad biżżejjed biex titwemmen li l-beni li jrid li jinħelsu

[25] *A fol.* 500 tal-proċess.
[26] P.A., 31.05.2010.

> minn konfiska ma kienx miksub minn flejjes jew qligħ marbut ma' profitt jew dħul minn għemil ta' reat u għalhekk irid ikun ir-rikorrenti li jagħmel il-prova tal-provenjenza leċita tal-proprjetà jew l-akkwist leċitu tagħha. Ladarba il-leġislatur ħaseb sabiex il-proċediment jinstema' minn Qorti ta' kompetenza ċivili u ladarba l-liġi stess tgħid li għal dan il-proċediment japplika l-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta il-grad ta' prova rikjesta huwa dak tal-bilanċ ta' probabilitajiet viġenti fi proċedura ċivili u mhux dak rigoruż tal-proċediment penali."

Il-Qorti qiegħda tintalab tagħmel evalwazzjoni tal-provi mressqin quddiemha, sabiex tasal għal deċiżjoni dwar jekk l-assi tar-rikorrenti li preżentement jinstabu milqutin b'ordni ta' konfiska, għandhomx jintraddu lura lilhom, bil-konsegwenza li deċiżjoni bħal dik titqies bħala trasferiment tat-titolu ta' dak il-ġid mill-Gvern ta' Malta lura lir-rikorrenti. F'dan ir-rigward il-Qorti tqis li l-prova li jridu jġibu r-rikorrenti dwar il-provenjenza tal-ġid tagħhom ma tridx tkun waħda vaga jew dgħajfa, iżda trid tkun waħda li, tenut kont li r-rikorrenti nstab ħati tal-akkużi miġjuba kontrih, ma tħalli l-ebda dubju li dawk l-assi fil-fatt inkisbu b'mod leċitu u minn sorsi mhux intakkati mill-kriminalità.

Il-Qorti kkonsidrat il-provi kollha miġjuba quddiemha, minn fejn jirriżulta li Silvio Apap hu proprjetarju ta' nofs indiviż tal-proprjetà li llum iġġib in-numru 24, Triq il-Knisja, ix-Xgħajra, u din il-proprjetà ġiet akkwistata minnu flimkien mar-rikorrenti l-oħra, Ritienne Apap waqt l-għerusija tagħhom, permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Charles Vella Zarb li jġib id-data tat-12 ta' Ottubru, 1999. Din il-proprjetà jirriżulta li llum hija d-dar matrimonjali tar-rikorrenti u fuqha għad hemm self bankarju li qiegħed jitħallas regolarment mir-rikorrenti Ritianne Apap li għandha impjieg fiss u jidher, anki mill-kopji tal-*istatements* bankarji esebiti, li d-depożiti f'dawn il-kontijiet jintużaw biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tal-ħajja ta' kuljum tal-partijiet, fosthom sabiex jitħallas is-self bankarju fuq id-dar.

Il-Qorti tqis li mill-provi jirriżulta ppruvat li d-dar bin-numru 24 (gia 25 u 27), Triq il-Knisja, Xgħajra, ġiet akkwistata mir-rikorrenti flimkien u li għalhekk din tappartjeni lil Silvio Apap fis-sehem ta' nofs indiviż, filwaqt li n-nofs indiviż l-ieħor jappartjeni lir-rikorrenti l-oħra, Ritianne Apap, li fil-konfront tagħha ma ttieħdu ebda proċeduri kriminali. In vista tal-fatt li din id-dar ġiet akkwistata fis-sena 1999, u għalhekk madwar ħmistax-il sena qabel seħħ ir-reat inkwistjoni, din il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tar-rikorrenti għall-ħelsien ta' din il-proprjetà immobbli mill-ordni ta' konfiska, stante li jirriżulta ppruvat li din ġiet akkwistata bis-saħħa tal-fatt li r-rikorrenti kellhom impjieg bi qligħ u kien għalhekk li l-bank seta' jislifhom il-flus meħtieġa għall-akkwist ta' din il-proprjetà. Jirriżulta wkoll li r-rikorrenti għandha impjieg regolari u hu d-dħul minn dan l-impjieg li qiegħed jagħmel tajjeb għall-ħlas tas-self fuq id-dar matrimonjali u għalhekk qiegħed jitqies li r-rikorrenti għamlu l-prova meħtieġa li din id-dar ma nxtratx minn flejjes iġġenerati minn attivitajiet illeċiti jew kriminali.

In vista tal-fatt li r-rikorrent Silvio Apap m'għarafx iwieġeb dwar il-provenjenza ta' flejjes li jidher li ġew iddepożitati fil-kont bankarju tiegħu fi żmien meta hu ma kellux impjieg, u saħansitra meta hu kien qiegħed jiskonta l-piena karċerarja, il-Qorti qiegħda tordna li l-kontijiet bankarji f'isem Silvio Apap waħdu m'għandhomx jinħelsu mill-effetti tal-imsemmija ordni ta' konfiska, filwaqt li qiegħda tordna li kull kont bankarju li r-rikorrenti Ritianne Apap jista' għandha f'isimha personali, għandu jinħeles minn din l-ordni ta' konfiska. Kwantu għal frejgatina u għall-vetturi tar-rikorrent, il-Qorti ser tordna r-rilaxx tagħhom għajr għall-vettura tal-marka Peugot Partner bin-numru ta' reġistrazzjoni HBF-774, peress li din il-vettura apparentement intużat fit-twettiq tar-reat inkwistjoni.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati;**

**2. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti limitatament sa fejn qiegħed jiġi ddikjarat li l-proprjetà immobbli, konsistenti fid-dar bin-numru 24 (gia 25 u 27), Triq il-Knisja, ix-Xgħajra, il-vetturi, eskluża l-vettura tal-marka Peugot Partner bin-numru ta' reġistrazzjoni HBF-774, il-frejgatina, u l-kontijiet bankarji f'isem ir-rikorrenti Ritianne Apap, mhumiex provenjenti minn ebda dħul, profitt jew konnessjoni ma' xi attività kriminali;**

**3. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tiddikjara li jirriżulta ampjament ippruvat li d-dar matrimonjali bin-numru 24 (gia 25 u 27), Triq il-Knisja, Xgħajra tappartjeni lir-rikorrenti fis-sehem ta' nofs indiviż kull wieħed;**

**4. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti;**

**5. Tilqa' r-raba' talba u tirrevoka l-ordni ta' konfiska inkwistjoni limitatament sa fejn din kienet tolqot id-dar bin-numru 24 (gia 25 u 27), Triq il-Knisja, ix-Xgħajra, il-vetturi, eskluża l-vettura tal-marka Peugot Partner bin-numru ta' reġistrazzjoni HBF-774, u l-frejgatina rreġistrati f'isem ir-rikorrent Silvio Apap, li jirriżulta li ġew akkwistati ferm qabel twettaq ir-reat inkwistjoni, u sa fejn setgħu kienu milqutin il-kontijiet bankarji miżmuma f'isem ir-rikorrenti Ritianne Apap waħedha.**

**6. Tordna li kopja ta' din id-deċiżjoni għandha tintbagħat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur tal-Artijiet.**

**Spejjeż tal-kawża għar-rikorrenti.**

Moqrija.